



Kumitat għas-Sajd

2014/0213(COD)

3.9.2015

*****II**

ABBOZZ TA' RAKKOMANDAZZJONI GĦAT- TIENI QARI

dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari għall-adozzjoni tar-regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1343/2011 dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM (Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran) (08806/1/2015 – C8-0260/2015 – 2014/0213(COD))

Kumitat għas-Sajd

Rapporteur: Gabriel Mato

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu **■** jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jiġi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
ANNES MAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA	6
NOTA SPJEGATTIVA	7

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1343/2011 dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM (Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran)
(08806/1/2015 – C8-0260/2015 – 2014/0213(COD))

(Proċedura legiżlattiva ordinarja: it-tieni qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (08806/1/2015– C8-0260/2015),
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-15 ta' Ottubru 2014¹,
 - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari² dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2014)0457),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 76 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għas-Sajd (A8-0000/2015),
1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari;
 2. Japprova d-dikjarazzjoni mehmuża ma' din ir-riżoluzzjoni;
 3. Jinnota li l-att qed jiġi adottat b'konformità mal-pożizzjoni tal-Kunsill;
 4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jiffirma l-att, flimkien mal-President tal-Kunsill, skont l-Artikolu 297(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
 5. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu biex jiffirma l-att, wara li jkun ġie vverifikat li l-proċeduri ntemmu kif imiss, u biex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tal-att *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
 6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

¹ ĠU C 12, 15.1.2015, p.116.

² Test adottat, 13.1.2015, P8_TA(2015)0005.

ANNEX MAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-għoti ta' derogi għall-użu ta' xbieki tat-tkarkir u għeżula fis-sajd fil-Baħar l-Iswed

"Il-Parlament Ewropew jiddikjara li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15a għandhom jiddaħħlu fir-Regolament (UE) Nru 1343/2011, rigward derogi għall-projbizzjoni fuq l-użu ta' ċertu rkaptu fl-ilmijiet tal-kosta tal-Baħar l-Iswed, huma ta' natura eċċezzjonali. Dawn iqisu s-sitwazzjoni prevalenti fir-reġjun, fejn l-Istati Membri stabbilixxew miżuri biex jippermettu l-użu tal-irkaptu konċernat skont ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-GFCM. Dik l-informazzjoni diġà kienet disponibbli għall-Parlament qabel it-tressiq tal-proposta attwali tal-Kummissjoni. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Parlament jaċċetta, fil-kuntest attwali, l-arranġament li jawtorizza lill-Istati Membri konċernati jikkonċedu d-derogi inkwistjoni. Jenfasizza, madankollu, li dawk id-dispożizzjonijiet m'għandhomx jittieħdu jew jintużaw bħala preċedent fatti legali ġejjiena.

NOTA SPJEGATTIVA

Wara l-adozzjoni mill-plenarja tal-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari fit-13 ta' Jannar 2015, bdew negozjati informali mal-Presidenza Latvjana bl-għan li jintlaħaq ftehim bikri fit-tieni qari. Wara żewġ ċikli ta' trilogu, it-tim tan-negozjar tal-Parlament u tal-Kunsill laħqu ftehim dwar id-dossier fis-26 ta' Marzu 2015. It-test tal-ftehim tressaq quddiem il-Kumitat PECH għal votazzjoni ta' approvazzjoni fis-6 ta' Mejju 2015, u dan ġie approvat b'maġġoranza kbira. Abbażi tal-approvazzjoni tal-Kumitat, il-President tal-Kumitat impenja ruħu, fl-ittra tiegħu lill-President ta' Coreper, li jirrakkomanda lill-plenarja li tapprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari mingħajr emenda. Wara verifika ġuridika-lingwistika, il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tikkonferma l-ftehim fit-13 ta' Lulju 2015.

Billi l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari hija konformi mal-ftehim milħuq fit-trilogi, ir-Rapporteur jirrakkomanda lill-Kumitat li jaċċettaha mingħajr emendi addizzjonali. Ir-Rapporteur jixtieq jenfasizza b'mod partikolari l-elementi li ġejjin tal-kompromess:

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill qablu dwar it-traspożizzjoni fid-Dritt tal-Unjoni ta' diversi Rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran ("il-Ftehim dwar il-GFCM"), li jipprovdi qafas adattat għall-kooperazzjoni multilaterali sabiex jiġu promossi l-iżvilupp, il-konservazzjoni, il-ġestjoni razzjonali u l-aqwa użu tar-riżorsi haġġin tal-baħar fil-Mediterran u fil-Baħar l-Iswed f'livelli li huma kkunsidrati sostenibbli u b'riskju baxx ta' kollass.

Il-problema ewlenija li kellhom il-koleġiżlaturi kienet l-għażla ta' mekkaniżmi legali li għandhom jintużaw f'talbiet lill-Istati Membri biex jikkonċedu derogi, b'mod partikolari fir-rigward tal-użu ta' xbieki tat-tkarkir u ta' għeżula fis-sajd fil-Baħar l-Iswed u d-dijametru tal-baży minimu tal-kolonji tal-qroll aħmar, u l-irkapru, it-tagħmir u l-ħsad tal-istess qroll.

Rigward id-derogi għall-projbizzjoni fuq it-tkarkir kostali fil-Baħar l-Iswed, il-Parlament aċċetta li dawn għandhom jiġu ġestiti fil-livell tal-Istati Membri bid-dritt ta' skrutinju min-naħa tal-Kummissjoni. Din il-proċedura differenzjata minn dik li tapplika għall-Mediterran hi ġġustifikata għax dawn huma baċini differenti u anke jekk il-kwistjoni tinvolvi l-għoti ta' derogi, bħal fil-każ tal-Mediterran, il-kundizzjonijiet previsti fir-Rakkomandazzjoni tal-GFCM għall-konċessjoni ta' derogi fil-Baħar l-Iswed huma ħafna inqas stretti. Hi kwistjoni ta' awtorizzazzjoni lil għadd limitat ta' bastimenti biex b'eċċezzjoni jużaw xbieki tat-tkarkir fiż-żona tal-kosta tal-Baħar l-Iswed. Barra minn hekk, l-Istati Membri kkonċernati mhumix obligati jintroduċu pjanijiet ta' ġestjoni iżda sempliċement sistema ta' monitoraġġ bħala kundizzjoni għall-għoti ta' derogi.

Barra minn dan, il-Kummissjoni għadha kif aċċettat awtorizzazzjonijiet lill-bastimenti wara li vverifikat jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti mir-Rakkomandazzjoni tal-GFCM humiex issodisfati. Dan ifisser li din kienet kwistjoni ta' traspożizzjoni *a posteriori* ta' sitwazzjoni eżistenti.

Madankollu, il-PE għamel dikjarazzjoni li tindika li hu jaċċetta l-arranġament li jawtorizza lill-Istati Membri kkonċernati li jikkonċedu d-derogi inkwistjoni iżda jenfasizza li dan l-arranġament m'għandux jittieħed jew jintuża bħala preċedent f'atti legali ġejjiena.

Rigward il-kwistjoni ta' kif għandhom jingħataw derogi fuq il-ħsad u d-dijametru tal-bażi minimu tal-kolonji tal-qroll aħmar, il-Parlament irnexxielu jipproponi kompromess li ġie aċċettat mill-Istituzzjonijiet kollha: . L-Istati Membri għandhom jissottomettu, f'perjodu ta' 3 snin, rakkomandazzjonijiet konġunti fuq il-bażi tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku dwar il-PKS (reġjonalizzazzjoni), akkumpanjati minn informazzjoni dettaljata dwar il-qafas nazzjonali tal-ġestjoni.

Sadanittant, l-Istati Membri li diġà jkollhom l-oqsfa nazzjonali fis-seħħ jistgħu jżommuhom u dawk li jixtiequ jstabilixxu oqsfa nazzjonali jistgħu jagħmlu dan b'mod proviżorju, sakemm ikun stabbilit qafas ta' ġestjoni nazzjonali xieraq. Meta l-Kummissjoni tqis, abbażi tan-notifiki magħmulin mill-Istati Membri, li qafas tal-ġestjoni nazzjonali adottat ma jkunx konformi mal-kondizzjonijiet stipulati fir-Regolament preżenti, hija tista', dment li tagħti raġunijiet rilevanti u wara li tkun ikkonsultat lill-Istati Membri kkonċernati, titolbu jemenda dak il-qafas.

Dwar il-kwistjoni tal-irkaptu u t-tagħmir li għandu jintuża għall-ħsad tal-qroll aħmar, il-koleġiżlaturi jaqblu li l-użu tal-ROVs (Remotely Operated under-water Vehicles) għall-fini ta' osservazzjoni u prospettar tal-qroll aħmar għandu jibqa' jkun permess f'żoni taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istat Membru sakemm l-ROV ma tkunx mgħammra b'dirgħajn manipulatori jew bi kwalunkwe apparat ieħor li jippermetti l-qtugħ u l-ħsad tal-qroll aħmar. Tali awtorizzazzjonijiet għandhom jiskadu jew jiġu rtirati sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2015, sakemm l-Istat Membru kkonċernat ma jkunx kiseb riżultati xjentifiċi li juru li l-użu ta' ROVs wara l-31 ta' Diċembru 2015 ma jkollu l-ebda impatt negattiv fuq l-isfruttament sostenibbli tal-qroll aħmar.